# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 15 ta' Jannar 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 249/2023 JPG**

**Kawza nru.: 22**

**GS**

**Vs.**

**JS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat GS, datat 3 ta' Mejju 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

I. *ILLI l-kontendenti zzewwgu nhar is-27 ta' Mejju 2006 - skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv hawn anness u mmarkat bhala* ***DOK: A*** *- u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;*

II. *ILLI permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Roberta Galea Mamo tal-14 ta' Gunju 2018 - li kopja legali tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala* ***DOK: B*** *- il-kontendenti sseparaw legalment taht il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha hemm imfissra;*

III. *ILLI l-kontendenti ilhom ma jghixux flimkien sa minn qabel l-imsemmija data tal-14 ta' Gunju 2018, u ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;*

IV. *ILLI, inoltre, ma hemm l-ebda obbligi ta' hlas ta' manteniment naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-kontendenti;*

V. *Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet kollha mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) huma sodisfatti, u in vista tal-fatt illi l-kontendenti huma gja' separati permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;*

*GHALDAQSTANT, u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq imsemmija, l-esponent jitlob umilment u bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:*

I. *TIPPRONUNZJA, a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), il-hall taz-zwieg tas-27 ta' Mejju 2006 ta' bejn il-kontendenti ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;*

II. *TORDNA, a tenur tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), lir-Registratur tal-Qorti sabiex, f'dak iz-zmien li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-kontendenti sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata ma ppresentat ebda risposta izda dehret ghas-seduta tat-23 ta' Novembru 2023 u ddikjarat li ma ghandhiex oggezzjoni ghad-divorzju u kif ukol xehdet viva voce (vide fol 25);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 14) illi l-partijiet izzewgu nhar is-27 ta' Mejju 2006 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostna illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Roberta Galea Mamo datat nhar l-14 ta' Gunju 2018. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimata xehdet** (vide xhieda fol 26) u kkonfermat u kkorraborat x-xhieda tal-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw***

***għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-27 ta' Mejju 2006, liema zwieg jgib certifikat numru 736/2006 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Maria Roberta Galea Mamo, l-14 ta' Gunju 2018 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta'

zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 736/2006 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**